Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 14/2014AE

**Rennie Persico**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 27 ta' April 2016.

Din is-sentenza titratta appell tad-Direttur tas-Sigurta Socjali minn decizjoni tal-Arbitu taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali, tat-3 ta' Gunju 2014 li biha laqa' l-appell ta' Rennie Persico u cahad id-decizjoni tad-Direttur li Persico kellu jirrifondi lura s-somma ta' €132.53 hlas li nghata ta' allowance supplimentari ghall-perjodu 17 ta' Marzu 2012 sal-5 ta' Ottubru 2012. Id-decizjoni tal-Arbitru taqra hekk:

*"Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fit-23 ta' Ottubru, 2012 id-Direttur tas-Sigurta Socjali ddecieda illi l-appellant kien ircieva ammont ta' hlas zejjed bhala Ghajnuna Supplimentari ghal perjodu bejn is-17 ta' Marzu 2012 u l-5 ta' Ottubru 2012 u dan minhabba li l-appellant ma kienx ghadu jabita fil-fond dikjarat minnu f'28 Edelweiss Flt 6, Triq Karm Zerafa, Birkirkara u ma nfurmax lid-Dipartiment bit-tibdil tal-indirizz.*

*Illi l-Arbitru kellu l-opportunita' jisma' bil-gurament lill-appellant u x-xhieda Clifton Portelli l-persuna li tabita fil-post indikat u lis-sid tal-fond Joseph Saliba.*

*Illi l-Arbitru filwaqt li jifhem u jfahhar il-hidma li jwettqu d-Direttur tas-Sigurta Socjali u l-ufficjali tieghu, jinnota wkoll l-professjonalita' li biha pprezentaw il-kaz fis-seduta r-rapprezentanti tad-Direttur is-sur Ivan Cilia u l-PL Sean Meli.*

*Illi l-Arbitru ha kont tal-komportament tal-appellant waqt ix-xhieda tieghu kif ukoll tax-xhieda minnu mressqa u hu konvint li l-appellant ha l-mizuri kollha biex jinforma lid-Dipartiment bit-tibdil tal-indirizz izda minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni jidher li din l-informazzjoni ma waslitx ghand min kellha tasal.*

*L-Arbitru jerga' jappella biex l-ufficcjali fid-Distretti jigwidaw sewwa lil dawk li jenhtiegu s-servizz taghhom u dan bi kliem li jinftiehem ghaliex mhux kulhadd ghandu l-kapacita' li jassorbi dak kollu li jinghad lilu.*

*Ghaldaqstant, l-Arbitru wara li sema' u ra l-provi migjuba quddiemu qieghed jilqa' l-appell u l-appellant m'ghandux hlas zejjed x'jirrifondi u dak l-ammont li diga' tnaqqas lilu ghandu jkun moghti lura."*

L-aggravji tad-Direttur tas-Sigurta Socjali huma:-

i. Fl-applikazzjoni, l-appellant obbliga ruhu u ntrabat li jinforma lid-Dipartiment minnufih b'kull tibdil fic-cirkostanzi u li jekk ma jaghmilx hekk jista' jitlef id-dritt ghall-beneficcju kollu jew parti minnu.
ii. Fl-ittra tal-appell, l-appellant iddikjara li kien mar jgharraf lil ETC li bidel l-indirizz u qalulu li m'ghandux ghalfejn javza lil haddiehor bl-indirizz il-gdid. Il-verzjoni li ta quddiem l-Arbitru nbidlet. Mid-dokumenti pprezentati ma

jirrizultax li kien avza lid-Dipartiment bit-tibdil tal-indirizz. Sahansitra xehed Clifton Portelli li ikkonferma li l-appellat kien mar jghidlu biex imur l-Ufficcju Distrettwali u jgharrafhom li kien telaq mill-indirizz li jissemma fl-applikazzjoni ghall-ghajnuna socjali. L-obbligu li jinghata t-taghrif kien biss tal-appellat u hadd iktar. Il-bdil ta' indirizz ifisser bdil ta' cirkostanza fil-hajja tal-persuna li qeghda tircievi l-beneficcju, u ghalhekk skond l-Artikolu 97(b) tal-Kap. 318 kellu obbligu li jinforma lid-Dipartiment b'dan 'il fatt. It-taghrif moghti mill-beneficjarju ghandu jkun veru fit-taghrif kollu li jaghti.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:-

1. Id-decizjoni tal-appellant li l-appellat kellu jirrifondi lura beneficcju li rcieva fil-perjodu 17 ta' Marzu 2012 sal-5 ta' Ottubru 2012, hi bazata biss fuq 'il fatt li l-appellant mar ighix f'post differenti minn dak li ddikjara fl-applikazzjoni li a bazi taghha d-Dipartiment kien beda jhallsu l-beneficcju u baqa' ma nfurmax lid-Dipartiment b'din ic-cirkostanza. Tant hu hekk li fit-twegiba li pprezenta quddiem l-Arbitru ddikjara li minn Marzu 2012 kien irrizulta li l-appellat kien mar ighix f'indirizz differenti minn dak li kien ta lid-Dipartiment, u *"... ghalhekk id-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellant kien qed jabita fl-indirizz moghti minnu fl-applikazzjoni ghall-assistenza msemmija"*. Fil-fatt jirrizulta li l-indirizz li jissemma fl-applikazzjoni tal-11 ta' April 2011 kien Edelweiss, Triq Karm Zerafa, Birkirkara, filwaqt li xi xhur wara mar ighix fil-fond 47, St John, Balzan Valley, Balzan. Irrizulta wkoll li fl-10 ta' April 2012 l-appellat kien gharraf lil Employment and Training Corporation bl-indirizz il-gdid (ara dokument tal-istess Korporazzjoni).

2. Ma jidhirx li minn zmien ghal zmien l-appellant kien qieghed jibghat ghall-appellat biex imur fl-ufficcju distrettwali u jgharrafhom bi kwalsiasi bdil fic-cirkostanzi tieghu li setghu jwasslu ghal xi bdil fil-beneficcju li kien qieghed jircievi minghand id-Dipartiment. Il-qorti ma tafx x'inhi l-prassi tal-Ufficcju Distrettwali, pero' fil-fehma taghha kull ufficcju distrettwali ghandu kull tant zmien jibghat ghal beneficjarju biex isirulu certu domandi ntizi biex jigi determinat jekk fl-intervall kienx hemm bdil fic-cirkostanzi tal-beneficjarju li jistghu jkollhom effett fuq il-beneficcju li jkun qieghed jircievi minghand id-Dipartiment. Mill-Artikolu 97(1)(b) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) dan jidher li kien il-hsieb tal-legislatur. Hu inutli li d-Dipartiment jippretendi li kull beneficjarju ser jiehu l-inizjattiva u jmur fl-Ufficcju Distrettwali u jinfurmah b'tibdil ta' cirkostanzi. Fil-fehma tal-qorti l-inizjattiva ghandha tittiehed mid-Dipartiment sabiex b'hekk jigi zgurat li kemm jista' jkun jinzamm kontroll u jitnaqqas l-abbuz.

3. Il-qorti m'ghandhiex dubju li d-Dipartiment kellu dritt jiehu certu mizuri hekk kif sar jaf li l-appellat kien mar ighix f'indirizz differenti minn dak li ddikjara fl-applikazzjoni ghall-ghoti tal-ghajnuna socjali. Pero' dan ghandu jkun hekk sakemm id-Dipartiment jinvestiga l-kaz billi, fost'affarijiet ohra, jitlob lill-beneficcjarju jaghtih it-taghrif li jqies li hu mehtieg biex jiddetermina kienx ghadu ntitolat li jithallas il-beneficcju. Mill-atti l-qorti fehemet li f'dan il-kaz id-decizjoni tad-Dipartiment kienet li gialadarba l-appellat naqas milli jgharraf lid-Dipartiment bl-indirizz il-gdid fejn kien qieghed ighix, allura tilef il-jedd ghall-beneficcju u ghandu jirrifondi dak il-hlas tal-beneficcju li rcieva matul il-perjodu 17 ta Marzu 2012 sal-5 ta' Ottubru 2012. Fil-fehma tal-qorti dan m'ghandux ikun. Il-fatt wahdu li persuna tmur tghix go fond differenti minn dak li jissemma fl-applikazzjoni, m'hijiex xi cirkostanza li wahedha taffetwa l-beneficcju li l-appellat kien qieghed jircievi. Id-Dipartiment kellu d-dmir jinvestiga l-kaz fil-meritu u jiddetermina jekk kienx hemm xi cirkostanza rilevanti li taffettwa jekk l-appellat baqax intitolat li jircievi l-beneficcju. Ezercizzju li hu evidenti li ma sarx. M'huwiex ragonevoli li d-Direttur jiddeciedi li l-beneficjarju tilef il-jedd ghall-beneficcju ghas-semplici fatt li ma nfurmahx li mar ighix go fond iehor, meta tqies:

   i. m'hemm l-ebda prova li l-indirizz il-gdid kienet wahdu jikkonsisti f'bidla ta' cirkostanza li taffetwa l-beneficcju li kien qieghed jircievi l-appellat minghand id-Dipartiment;
   ii. fil-kaz in ezami hu evidenti li l-appellat kien fl-10 ta' April 2012 gharraf lil Employment and Training Corporation li biddel l-indirizz tieghu. Fatt li fih innifsu juri li l-appellat ma kienx qieghed jipprova jahbi tali fatt mill-Gvern, u ghalhekk jeskludi xi *mala fede* min-naha tal-appellat.

4. Ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, dan sar mill-Arbitru li sema' x-xhieda. Filwaqt li l-appellant jsostni li l-appellat ta verzjoni differenti minn dik li ta fl-ittra tal-appell li baghat wara d-decizjoni tad-Direttur, tali fatt ma jirrizultax mill-atti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.